MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta ta' l-10 ta' Lulju, 2013

Citazzjoni Numru. 303/2012

**Carmena Caruana, Salvatore Attard, u Margerita Farrugia**

**-vs-**

**1. Silvercraft Products Ltd;**

**2. Francis Baldacchino; u**

**3. Clayton Cutajar.**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat fit-22 ta' Marzu 2012 li permezz tiegħu ġie premess:

Illi r-rikorrenti huma proprjetarji tal-għalqa magħrufa bħala Tal-Għonq fil-limiti ta' Ħal Għaxaq;

Illi r-rikorrenti jgawdu dritt ta’ passaġġ bir-riġel u bl-inġenji mekkaniċi minn Gudja Road, Ħal Għaxaq, sabiex jaċċedu għal għalqa tagħhom, liema dritt ta’ passaġġ ilhom jeżerċitawh mis-sena elf disa’ mija ħamsa u erbgħin (1945) sal-lum;

Illi l-intimati għandhom fil-pussess tagħhom u jagħmlu użu minn fond, ossija maħżen li jinsab mibni adjaċenti l-passaġġ in kwistjoni;

Illi l-intimati jew min minnhom, nhar it-2 ta’ Frar 2012 fetħu bieb fil-ħajt tal-maħżen, liema bieb jagħti għal fuq il-passaġġ in kwistjoni;

Illi meta l-intimati jew min minnhom u / jew persuni nkarigati minnhom fetħu l-bieb li jagħti għal fuq dan il-passaġġ, huwa kkommetta spoll klandestin u vjolenti tad-drittijiet li jgawdu r-rikorrenti fuq id-dritt ta’ passaġġ tagħhom;

Illi għalkemm l-intimati ġew interpellati sabiex jagħlqu l-bieb li nfetaħ baqgħu inadempjenti;

Għaldaqstant l-esponenti umilment jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:

1. Tiddikjara illi l-intimati jew min minnhom ikkommetta / u spoll klandestin u vjolenti għad-dannu tar-rikorrenti u dan għar-raġunijiet premessi;

2. Tordna u tikkundanna lill-intimati jew min minnhom sabiex fi żmien qasir u perentorju, jirripristina/w il-ħajt in kwistjoni għall-istat oriġinali tiegħu, ossija billi l-bieb jingħalaq bil-ġebel;

3. Fin-nuqqas tawtorizza lill-istess rikorrenti sabiex jagħlqu l-ħajt in kwistjoni okkorrendo bl-opera ta’ periti nominandi u dan a spejjeż tal-intimati jew min minnhom.

Bl-ispejjeż kontra l-intimati li huma nġunti għas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-atturi u l-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenuti ppreżentata fit-12 t'April 2012, li permezz tagħha eċċepew:

Illi ma jissussistux l-elementi rikjesti sabiex tirnexxi l-azzjoni ta' spoll u dan minħabba illi l-konvenuti ma ostakolaw bl-ebda mod lill-attriċi milli tagħmel użu tal-passaġġ in kwistjoni. Anzi kienet l-attriċi stess li mbarrat il-passaġġ meta ordnat li jsir grada mill-awtoritajiet, u dan kif ser jirriżulta waqt is-smiegħ u t-trattazzjoni ta' din il-kawża.

Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-konvenuti u l-lista tax-xhieda.

Rat l-affidavits;

Semgħet il-provi;

Rat l-atti proċesswali u l-verbal tas-seduta tal-31 ta' Mejju 2013 fejn il-kawża tħalliet għas-sentenza wara li l-partijiet ippreżentaw in-nota ta' sottomissjonijiet tagħhom, liema noti ġew debitament eżaminati mill-Qorti;

Ikkunsidrat;

Illi kif jidher ċar mir-rikors promotur din hija kawża ta' spoll. L-attriċi qed issostni illi l-konvenuti fetħu bieb għal fuq il-passaġġ li għalih għamlet referenza fl-istess rikors. Kif inhu magħruf huma tlieta l-elementi rikjesti biex azzjoni ta' spoll tirnexxi, u ċjoe':

1. il-pussess – ***possedisse;***

2. l-azzjoni spoljattiva li tkun saret bil-moħbi jew kontra l-volonta' tal-attur – ***spoliatum fuisse;*** u

3. li l-azzjoni ssir fi żmien xahrejn minn meta jkun seħħ l-ispoll – ***infra bimestre deduxisse***.

Illi l-konvenuti qed jikkontestaw li l-attriċi ġiet spussessata għaliex fil-fatt hija għadha u fil-fatt baqgħet tagħmel użu mill-passaġġ in kwistjoni li l-istess konvenuti jiddikjaraw li mhumiex jikkontestaw li għalih għandha dritt; iżda jgħidu li l-fatt li huma fetħu l-bieb imsemmi ma jfissirx li b'daqshekk sar xi spoll. Dan il-fatt huma anke għamluh ben ċar fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħhom fejn qalu espressament illi huma qed jikkontestaw it-tieni rekwiżit imsemmi, u b'dan il-mod imxew lejalment lejn l-avversarja tagħhom fil-kawża u wisq aktar lejn il-Qorti.

Illi fil-kawża deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta' Mejju 1956 fl-ismijiet **"Vincenzina Cassar et vs Annetto Xuereb Montebello"** l-istess Qorti qalet illi:

*"Il-ġurisprudenza tat-Tribunali tagħna dejjem kienet kostanti fl-interpretazzjoni ta' dawn il-liġijiet fis-sens li l-azzjoni ta' spoll hija 'di ordine pubblico', unikament u esklussivament intiża biex timpedixxi li wieħed jagħmel ġustizzja b'idejh mingħajr l-intervent tat-Tribunal ċivili u tipprevjeni l-konsegwenzi deplorevoli ta' aġir simili. Għalhekk il-liġi tivvjeta l-allegazzjoni ta' kwalsiasi eċċezzjoni li ma tkunx dilatorja kontra r-reintegrazzjoni u tiċċirkoskrivi l-eżami tal-Qorti għall-fatt biss tal-pusses u tal-ispoll denunzjat. Ir-reintegrazzjoni għandha dejjem tiġi ordnata mill-Qorti, kwantunkwe l-pussess jista' jkun vizzjat u min jikkommetti l-ispoll ikun il-veru proprjetarju tal-ħaġa li minnha l-possessur tagħha jkun ġie spoljat."*

Illi f'din is-sentenza l-Qorti ċċitat sentenza riportata fil-**Volum XXXIII-ii-83** illi irriteniet *"che la reintegrazione dovra' essere dalla Corte ordinate, comunque viziato possa essere il possesso dell' attore, comunque il citato possa essere il vero propietario della cosa di cui l' attore avesse sofferto lo spoglio; sicche' l' indagine intormo alla legittimita' del possesso, da farsi in altra sede, tornerebbe oziosa in questo giudizio".*

Illi fis-sentenza **"Delia vs Schembri"**, deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fl- 4 ta' Frar 1958, ġie ritenut illi:

*"L-azzjoni ta' spoll isservi biex tipproteġi l-pussess, ikun x' ikun ... li jiġi vjolentement jew okkultament meħuda minn għand il-possessur jew detentur u ġie deċiz kemm-il darba li tapplika wkoll għat-tutela tal-kważi pussess tad-drittijiet legali u hija inerenti għall-fatt ta' min b'awtorita' privata ... jagħmel għad-dannu ta' terza persuna att li għalkemm jista' jkollu dritt għalih ma jistax jeżerċitah mingħajr intervent tal-Qorti."*

Illi fi kliem **Pacifiċi Mazzoni** spoll vjolent huwa *"qualunque atto arbitrario che per forza privata si compia contro la volontarieta' dello spogliato"*. (Vol III Sez. 52).

Illi kif ukoll intqal fil-kawża **"Margherita Fenech vs Pawla Zammit"** deċiza fit-12 ta' April 1958:

*"L-actio spolii hija radikata pjuttost fuq l-esiġenzi ta' utilita' soċjali milli fuq il-prinċipju assolut ta' ġustizzja hija eminentement intiża l-protezzjoni ta' kwalunkwe pussess u jiġi mpedut liċ-ċittadin privat li jieħu l-liġi f'idejh; b'mod li l-fini tagħha huwa dak li jiġi restawrat l-istat tal-pussess li jkun ġie skonvolt jew turbat."*

Illi wieħed ukoll isib dikjarat illi:

*"Kif kellha okkażjoni tesprimi ruħha l-Onorabbli Qorti tal-Appell, l-indaġini li trid issir hija waħda limitatissima, rigoruża u skarna u ma tinsab f'ebda leġislazzjoni oħra, u kompliet tgħid illi għalhekk indaġinijiet ibbażati fuq x'jgħidu u ma jgħidux ġuristi u awturi Franċizi u Taljani huwa għal kollox irrilevanti u inapplikabbli fil-kuntest tal-ordinament ġuridiku tagħna"* (Appell Ċivili – **"Cardona vs Tabone"** – deċiża fid-9 ta' Marzu 1992).

Illi f'din il-kawża kif ingħad, il-konvenuti lanqas ma huma jiċħdu li għamlu l-azzjoni li minnha qed tilmenta l-attriċi. Għalhekk il-Qorti trid tara jekk dik l-azzjoni tikkostitwixxix jew le t-tieni rekwiżit tal-azzjoni ta' spoll, u ċjoe' l-ispoll innifsu.

Illi ma hemmx dubju li servitu’ hija protetta mill-azzjoni ta’ spoll: *“le servitu affermattive anche se non apparenti possono essere difesi con l’azione di spoglio perche rispetto a tale tipo di servitu’ e’ concepibile la situazione propria del possesso”*. (**Torrente, Manuale di Diritto Privato, paragrafu 213).** Madankollu f’din il-kawża, l-eżerċizzju attwali tas-servitu’ ma ġie b’ebda mod imnaqqas; l-attriċi stess meta ġiet kontro-eżaminata, qalet illi hija għadha tgħaddi regolarment mill-passaġġ in kwistjoni; madankollu ma trid li ħadd aktar ma jkun jista’ jgħaddi minn hemm għaliex tippretendi li dak il-passaġġ huwa tagħha biss.

Illi l-Qorti jidhrilha li din hija pretensjoni li ma tagħmilx sens legali; servitu’ huwa appuntu dritt li wieħed jagħmel użu mill-proprjeta’ ta’ ħaddieħor iżda dan ma jfissirx illi dak il-ħaddiehor ma jistax jagħmel użu huwa stess minn dik il-proprjeta’. Il-konvenuta għandha l-pussess **tal-użu tal-passaġġ** u mhux ta’ dik il-proprjeta’ nnifisha li tgħaddi minnha; għalhekk il-konvenuti kellhom kull dritt li jiftħu l-bieb in kwistjoni u jgħaddu huma wkoll minn hemm. Kieku wieħed jaċċetta l-argument tal-attriċi kien ikun ifisser illi l-konvenuti ma għandhomx dritt, illi jekk iridu jiddistruġġu l-bini kollu għax il-passaġġ jiġi espost għal kulħadd! Naturalment l-attriċi għandha dritt imbagħad li tassikura li l-għalqa tagħha li qegħda aktar ’il gewwa ma tkunx aċċessibbli għal ħadd aktar.

**DEĊIŻJONI**

**Għal dawn il-motivi, il-Qorti tiddeċiedi din il-kawża billi tilqa’ l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti u tiċħad it-talbiet attriċi.**

**L-ispejjeż tal-kawża jitħallsu mill-atturi.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------